

## **P6\_TA(2006)0379**

### **Linji gwida strateġiċi dwar il-koeżjoni \*\*\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni (11807/2006 – C6-0266/2006 – 2006/0131(AVC))**

#### **(Proċedura ta' kunsens)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (11807/2006),
  - wara li kkunsidra t-talba għal kunsens magħmula mill-Kunsill skond l-Artikolu 161 tat-Trattat KE (C6-0266/2006),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-18 ta' Mejju ta' l-2006 dwar il-preparazzjoni tal-proċedura ta' kunsens għal-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-perjodu 2007-2013 (Politika ta' Koeżjoni bħala Appoġġ għat-Tkabbir u għall-Impjiegi)<sup>1</sup>, li wasslu għal djalogu bikri bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew li għandu jerġa' jsir qabel l-evalwazzjoni intermedjarja tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji kif stipulat fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstipula d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 75(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0281/2006),
1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill ;
  2. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> *Testi adottati*, P6\_TA(2006)0216.

<sup>2</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p 25